MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 185/2003

**Pavin Limited**

**Vs**

**Michael Ciappara u Mario Ciappara Ikoll ezercenti l-kummerc bl-isem ta' Euro Club Hotel**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet illi
bieghet diversi oggetti konsistenti f'madum u mixers ta' l-ilma lill-konvenuti accettanti fis-somma ta' tmienja u ghoxrin elf u tmien mitt liri Maltin (Lm28,800);

Premess illi l-istess konvenuti hallsu biss ghall-parti mill-ammont dovut minkejja li l-oggetti gew accettati u twahhlu fil-lukanda Euroclub propjeta' tal-konvenuti;

Premess illi ghalhekk l-istess konvenuti huma debitrici favur is-socjeta' attrici fis-somma ta' ghaxar t'elef, mija u hamsin lira Maltin disa' u disghin centezmu (Lm10,150.99);

Premess illi l-konvenuti baqghu ma hallsux l-istess ammont nonostante li gew interpellati li jaghmlu dan permezz ta' ittra bonarja datata 19 ta' Frar 2003;

Premess illi jesistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu kontra t-talba tal-hlas ta' l-istess dejn u s-socjeta' attrici qed tannetti ma dan l-att afidavit skond l-artikolu fuq imsemmija ;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportun:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' ghaxar t'elef, mija u hamsin lira Maltin disa' u disghin centezmu (Lm10,150.99) rapprezentanti oggetti konsistenti f'madum u mixers ta' l-ilma mibjugha mis-socjeta' attrici lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet it-talba b'elf lira Maltin;

Rat in-nota tal-konvenuti li biha ammettew t-talba kif ridotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba kif ridotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici kif ridotta ghall-ammont ta’ disat elef limija u hamsin lira maltin u disgha u disghin centezmi(Lm 9,150.99) bl-imghax u bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------